Il-konsorzju BeeGuards huwa grupp li jinkludi 27 sieħeb minn 16-il pajjiż. Fosthom hemm universitajiet, istituti ta’ riċerka, kumpaniji tal-informatika u tat-trobbija tan-naħal, assoċjazzjonijiet, u konsulenti.

DIN IL-KOORDINAZZJONI TAQA’ TAĦT IR-RESPONSABBILTÀ TA’:

crea Consiglio per la ricerca in agricoltura e l'analisi dell'economia agraria

It-tim ta' BeeGuards jinkorpora firxa wiesa' ta' partijiet interessati, permezz ta' programm b'diżinn inklussiv li jinkludi diversi partijiet interessati minn oqsma differenti.

Matul din l-inizjattiva ta’ erba’ snin, it-tim tal-proġett se jwettaq riċerka internazzjonali fuq il-post biex jevalwa u jiżviluppa kunċett innovattiv għat-trobbija tan-naħal, ibbażat fuq valutazzjoni tas-sopravivenza tal-kolonji u strateġiji ta’ tgħammir immirati biex itejbu r-reżistenza tan-naħal.

Apparti minn hekk, studji oħra konkorrenti ser juru kif il-prattika tat-trobbija tan-naħal u l-bidliet fil-klima jaffettwaw kemm lin-naħal tal-għasel kif ukoll dakkara oħra.

**Involvi ruħek b'mod attiv bħala Xjentist Ċittadin!**

**TRID TINGĦAQAD MAGĦNA?**





Fost l-azzjonijiet parteċipatorji tagħna se jkun hemm **l-iżvilupp fit-tul ta’ mezz soċjali awtosostenibbli**: websajt bl-isem ‘WikiBEEdia’, fejn se naqsmu u nippromwovu kunċetti innovattivi fit-trobbija tan-naħal kif ukoll ir-riżultati ta’ BeeGuards, bl-għan aħħari, jew ‘Quest’, li jinstabu prattiċi ġodda ta’ trobbija tan-naħal sostenibbli.

Dan il-proġett jaspira li jitfa' fid-dawl il-bidla ta' perspettiva li hemm bżonn sabiex il-biedja tan-naħal tiġi verament sostenibbli u reżiljenti, billi jipprovdi wirja ħolistika tal-mekkaniżmi li jiddeterminaw ir-reżiljenza tal-kolonji tan-naħal tal-għasel.

Il-proġett **BeeGuards** se juri kif nikkonservaw **id-diversità bijoloġika tad-dakkara** sabiex niżguraw **dakkra adegwata tal-pjanti**, filwaqt li nippreparaw is-settur agrikolu Ewropew biex jaffaċċja l-isfidi tal-bidliet fil-klima.

**Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

Grant Agreement No. 101082073

L-opinjonijiet u l-fehmiet espressi huma esklussivament dawk tal-awtur(i) u mhux neċessarjament jirriflettu l-fehmiet tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kummissjoni Ewropea. La l-UE u lanqas l-entità li tiffinanzja l-proġett ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

# BeeGuards

**għat-trobbija tan-naħal reżiljenti**



**L-għan tal-proġett BeeGuards huwa li jsaħħaħ is-saħħa u l-vitalità tas-settur Ewropew tat-trobbija tan-naħal, billi jiżgura prattiċi ta’ tmexxija sostenibbli tal-għelieqi tan-naħal, strateġiji innovattivi ta’ tgħammir, kif ukoll l-iżvilupp ta’ għodod analitiċi u diġitali li jippermettu lil dan is-settur jadatta għal ambjent li qed jinbidel.**

**info@beeguards.eu**
**www.beeguards.eu**

www.beeguards.eu
info@beeguards.eu

## WP1 • TROBBIJA TAN-NAĦAL IFFUKATA FUQ IR-REŻILJENZA

- nistudjaw l-effettività ta' metodi innovattivi għal kontra l-Varroa.
- inwettqu esperiment internazzjonali (11-il pajjiż, 450 kolonja tan-naħal), li ħa jipprovdi riżultati, kampjuni u mudelli għall-analiżi minn gruppi oħra tal-proġett.
- nittrasferixxu u napplikaw innovazzjonijet minn għelieqi tan-naħal immexxija minn entitajiet ta' riċerka għal dawk kummerċjali mmexxija min-naħħala fil-qafas tax-Xjenza Ċittadina (Citizen Science).

## WP2 • TGĦAMMIR GĦAL REŻILJENZA

- nużaw u nevalwaw 'natural selection' fi programmi ta' tgħammir tan-naħal tal-għasel bil-għan li jiġu iktar reżiljenti għall-Varroa u għal fatturi ambjentali oħra.
-nevalwaw l-effiċjenza ta' ċiklu tat-tgħammir aċċellerat.
-nestabilixxu 'cryobank network' għas-semen tan-naħal tal-għasel, kif ukoll inwaqqfu proċedura standardizzata għall-preservazzjoni tal-embrijuni.

## WP3 • MONITERAĠĠ U MUDELLI

-inwaqqfu madwar 250 kolonja b'sistema ta' moniteraġġ diġitali, sabiex tinġabar informazzjoni il-ħin kollu mill-kolonji li tintuża fuq skala internazzjonali.
-niġbru d-'data' u naqsmuhom mar-riċerkaturi.
-nimplimentaw mudelli statistiċi li jservu ta' pedament fuq xiex jiġu bbażati d-deċiżjonijiet li hemm bżonn jittieħdu.

## WP4 • HOLOBIONT

-nipprovdu handbook għal metodi standardizzati ta' riċerka oloġenomika tan-naħal (li tinkludi studji dwar il-ġenetika tan-naħal u tal-mikro-organiżmi li jgħixu ġo fihom).
-nintegraw metodi "-omiċi" (bħal dawk fl-ewwel punt) differenti kemm fuq il-post kif ukoll fil-laboratorju.
-nidentifikaw fatturi ġenetiċi u mikrobijoloġiċi li flimkien isaħħu r-reżistenza tan-naħal tal-għasel, bħala parti minn kunċett innovattiv tat-trobbija tan-naħal.

## WP5 • IMMUNITÀ U FISJOLOĠIJA

-nifhmu l-effetti tal-valur nutrittiv u l-użu tal-art tal-madwar, kif ukoll tat-trobbija tan-naħal fuq is-saħħa tan-naħal.
-ninvestigaw il-fisjoloġija u l-immunità tan-naħal minn livell soċjali sa dak molekulari.
-nintegraw studji transkriptomiċi (relatati mal-RNA tan-naħal) bl-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali.

## WP6 • PARASSITI U MARD

-ninvestigaw l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq it-tiftix tal-ikel tan-naħal.
-noħorġu mudelli dwar il-firxa tal-parassiti u tal-mard tan-naħal.
-nissuġġerixxu metodi tat-trobbija tan-naħal li jtaffu l-impatt ta' parassiti u mard ġodda.

## WP7 • VALUTAZZJONI AMBJENTALI

- inwettqu 'Life Cycle Assessment' matul it-trobbija tan-naħal.
- ninvestigaw l-impatt ambjentali tal-metodu innovattiv tat-trobbija tan-naħal.
-nissuġġerixxu kif innaqqsu l-'carbon footprint' tat-trobbija tan-naħal.

## WP8 • NAĦAL TAL-GĦASEL U DAKKARA SELVAĠĠI

-nipprovdu gwida ta' kif il-kompetizzjoni bejn id-dakkara għandha tiġi assessjata.
-nidentifikaw soluzzjonijiet li jtaffu l-impatti tat-trobbija tan-naħal fuq dakkara selvaġġi fuq skala agrikulturali.
- nużaw 'Citizen Science' sabiex insaħħu l-għarfien dwar l-importanza ekoloġika tad-dakkara selvaġġi.

## WP9 • DISSEMINAZZJONI

- naqsmu l-għanijiet u r-riżultati tal-proġett ma' firxa wiesa' ta' nies.
- ninvolvu partijiet interessati matul il-proġett
-nimplementaw pjattaformi għall-interazzjonijiet mas-soċjetà permezz ta' "Quest" u "WikiBEEdia".

## WP10 • TMEXXIJA TAL-PROĠETT

-niżguraw li l-proġett jimxi b'mod effiċjenti u jkun ta' suċċess.
-insegwu l-progress xjentifiku u tekniku tal-proġett u niżguraw li kull 'WP' taħdem għall-benefiċċju tal-oħrajn.
-inżommu kuntatt formali u amministrattiv mal-entità li tiffinanzja l-proġett (il-Kummissjoni Ewropea).

Ingħaqad magħna bħala Xjentist Ċittadin!

BeeGuards